

## Konsultazzjoni Pubblika dwar l-Evalwazzjoni Komprensiva tal-Għajnuna Umanitarja 2012–2016

Il-Kummissjoni Ewropea hija t-tieni l-akbar donatur ta' għajnuna umanitarja internazzjonali. Matul il-perjodu 2012–2016, id-Direttorat Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea għall-Protezzjoni Ċivili u l-Operazzjonijiet tal-Għajnuna Umanitarja (DG ECHO) kellu baġit totali ta' EUR 7.2 biljun għall-għajnuna umanitarja (inklużi fondi allokatu għall-għajnuna umanitarja mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp). Matul il-ħames snin finanzjarji koperti minn din l-evalwazzjoni, ġew iffirmati 3 730 kuntratt ma' 169 Msieħba ta' Qafas differenti attivi fis-setturi kollha tal-għajnuna umanitarja. Bħala eżempju tar-riżultati miksuba f'sena waħda, fl-2015 madwar 134 miljun persuna li ntlaqtu minn diżastri naturali jew magħmula mill-bniedem jew minn kriżijiet fit-tul irċevew għajnuna. Inġhatat għajnuna umanitarja lill-persuni l-aktar vulnerabbli f'aktar minn 80 pajjiż.

Barra minn hekk sabiex jiffinanzja l-għajnuna umanitarja, id-DG ECHO mexxa wkoll diversi inizjattivi globali u ħa sehem fi pjattaformi internazzjonali dwar l-għajnuna umanitarja, bl-aktar waħda reċenti s-Summit Umanitarju Dinji, li witta t-triq għall-inizjattiva Grand Bargain. Id-DG ECHO ħa sehem ukoll f'inizjattivi ta' politika trasversali flimkien ma' servizzi u istituzzjonijiet oħra tal-UE, bħal pereżempju reċentement, il-Komunikazzjoni dwar l-ispustar bil-forza u l-iżvilupp. Bħala parti mill-ħidma tiegħu, id-DG ECHO ħa wkoll inizjattivi ta' politika tiegħu stess f'diversi setturi, b'mod partikolari permezz tal-pubblikazzjoni ta' gwida tematika u speċifika għas-settur.

### Ir-raġunijiet għal din il-Konsultazzjoni Pubblika Miftuħa

Id-DG ECHO bħalissa qed iwettaq evalwazzjoni tal-attivitajiet ta' għajnuna umanitarja tiegħu matul il-perjodu 2012–2016. L-iskop ta' din l-evalwazzjoni huwa li tipprovdi valutazzjoni indipendenti dwar ir-rilevanza, il-koerenza, il-valur miżjud tal-UE, l-effettività, l-effiċjenza u s-sostenibbiltà tal-attivitajiet ta' għajnuna umanitarja tad-DG ECHO. Ir-riżultati ta' din l-evalwazzjoni jistgħu jinfurmaw ukoll l-orjentazzjonijiet futuri tal-approċċ tad-DG ECHO fil-qasam tal-għajnuna umanitarja.

L-evalwazzjoni hija bbażata fuq evidenza miġbura minn għejjun diversi bħal riċerka bbażata biss fuq id-dokumentazzjoni, sħarriġ onlajn, intervisti mal-partijiet ikkonċernati ewlenin, ħidma fuq il-post f'pajjiżi magħżula u din il-Konsultazzjoni Pubblika Miftuħa (Open Public Consultation - OPC).

L-objettiv tal-OPC huwa li tagħti liċ-ċittadini tal-UE u l-partijiet ikkonċernati kollha involuti l-opportunità li jesprimu l-fehmiet tagħhom dwar il-prestazzjoni tad-DG ECHO matul il-perjodu 2012-2016.

Il-mistoqsijiet huma bl-Ingliż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż jew bl-Ispanjol, iżda tista' twieġeb fi kwalunkwe lingwa uffiċjali oħra tal-UE jekk trid. Tista' wkoll ittella' dokument fis-sistema (pereż. dokument ta' pożizzjoni) fi kwalunkwe lingwa uffiċjali tal-UE fl-aħħar tal-kwestjonarju.